MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 55/2009/2

**Dr Patrick Spiteri**

**v.**

**Sylvana Spiteri**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni wara sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Novembru 2011. L-attur ghamel kawza biex jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg tieghu minn mal-konvenuta u dan a bazi tal-Artikolu 6 tal-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u a bazi tal-Artikolu 19(1)(c)(d) u (f) tal-istess Att. Din il-Qorti, bis-sentenza taghha, cahdet it-talba tal-attur fuq il-bazi tal-Artikolu 6 tal-imsemmi Att (li fil-mument li kkuntrattat iz-

zwieg, il-konvenuta kienet marbuta bi zwieg iehor), u irrimettiet l-atti lill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, biex din tkompli tisma' l-kaz u tara jekk hemmx lok ta' dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg a bazi tal-Artikolu 19(1) tal-imsemmi Kap. 255.

Din il-kawza ghadha pendenti quddiem l-imsemmija Qorti Civili, Sezzjoni Familja, pero`, fil-frattemp, l-attur Dr. Patrick Spiteri, fetah dawn il-proceduri li bihom qed jitlob ir-ritrattazzjoni tal-meritu deciz minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011. Il-konvenuta eccepiet, in linea preliminari, l-irritwalita` tal-procedura peress li tissottometti li kawza li ghadha pendenti, ma tistax tigi mismugha mill-gdid f'dan l-istadju.

Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenuta. L-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi b'mod car li hi l-"<u>kawza</u>" li tista' tigi ritrattata u mhux sentenza, u biex kawza tinghad li giet definita, jehtieg sentenza finali fuq il-meritu kollu tal-istess kawza. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Mifsud Bonnici v. Scicluna**, deciza fis-26 ta' April, 1993,
"*Ir-ritrattazzjoni hija tal-kawza u meta l-kawza ghadha qed tigi trattata ma tistax tigi ritrattata.*"

Hu veru li, f'dik il-kawza, ir-ritrattazzjoni kienet qed tintalab ta' sentenza fuq eccezzjoni preliminari, pero`, il-principju hu l-istess meta si tratta minn sentenza preliminari li tolqot biss parti mill-meritu tat-talbiet attrici. Kif osservat din il-Qorti fis-sentenza msemmija, ma tistax tintalab ritrattazzjoni ta' decizjoni meta "*l-atti taghha qeghdin quddiem qorti ohra*". Is-sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2011, ma ddisponietx mill-<u>kawza</u>, u allura ma hemm lok ghal ebda ritrattazzjoni (ara wkoll **Mamo noe v. Axisa et**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2003 u **Rodo et v. Grech et**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju, 2009, fejn intqal illi "*erronea hija s-sottomissjoni tar-ritrattandi li ritrattazzjoni tista' tintalab kemm ta' sentenza finali izda, anke ta' sentenza parzjali*", u cahdet talba ghar-ritrattazzjoni "*ta' sentenza li ddecidiet il-kawza in parte*").

Is-sentenza issa impunjata ma wasslitx ghat-tmiem tal-kontroversja bejn iz-zewg partijiet, u l-kawza ghadha pendenti quddiem qorti tal-ewwel istanza. Ir-ritrattazzjoni tista' tintalab biss fil-kaz ta' kawza deciza fil-meritu b'sentenza ta' din il-Qorti li tkun ghaddiet in gudikat – *quando terminat negotium de quo agitur*. F'dan il-kaz, il-kwistjoni bejn il-partijiet li tolqot il-validita` taz-zwieg taghhom ghadha pendenti u ghadha qed tigi mistharrga mill-qorti kompetenti.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-konvenuta ritrattata u konsegwentement tiddikjara r-rikors tal-attur tal-15 ta' Frar, 2012, irritu u null u konsegwentement tichad it-talba ghal ritrattazzjoni kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-attur ritrattand.

Tordna li l-atti jigu minnufih rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstema' u tigi deciza skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------